

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: L.R.

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Domanda preliminari**

Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tista' tiġi miċħuda bħala applikazzjoni sussegwenti li hija inammissibbli, hija kompatibbli mal-Artikolu 33(2)(d) u mal-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali<sup>(1)</sup>, jekk l-ewwel proċedura għal ažił li tkun ġiet miċħuda tkun saret mhux fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, iżda fin-Norveġja?

<sup>(1)</sup> ĠU 2013, L 180, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Bejġju) fl-14 ta' Jannar 2020 – Top System SA vs L-Istat Belġjan**

**(Kawża C-13/20)**

(2020/C 87/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Appellanti: Top System SA

Appellat: L-Istat Belġjan

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lix-xerrej leġittimu ta' programm tal-kompjuter jiddekumpila l-programm kompletament jew parzjalment meta din id-dekumpilazzjoni tkun neċessarja sabiex huwa jkun jista' jikkoreġi żbalji li jaffettwaw il-funzjonament tal-imsemmi programm, inkluż meta l-korrezzjoni tikkonsisti fid-diżattivazzjoni ta' funzjoni li taffettwa l-funzjonament tajjeb tal-applikazzjoni li minnha jaġħmel parti dan il-programm?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, għandhom barra minn hekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva jew kundizzjonijiet oħra?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 114.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Isvezja**

**(Kawża C-22/20)**

(2020/C 87/21)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve, C. Hermes, E. Ljung Rasmussen u K. Simonsson, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Isvezja